**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Marzu 2017**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru. 888/13 JZM**

**All Invest Company Limited bin-numru ta` registrazzjoni C22239 kif debitament rapprezentata mid-direttur uniku Wallace Falzon detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 308986M**

***kontra***

**X**

***u***

**b`digriet tal-31 ta` Ottubru 2013 l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta kienet ammessa tintervjeni fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-28 ta` Novembru 2013 Anthony Spiteri u Miriam Spiteri, Jeffrey Vella u Romina Vella, Carmen Spiteri u Vincent Spiteri, Joseph Borg u Doris Borg, Joseph Borg u Deborah Carrie Borg, Gino Cremona u Marthese Cremona, John Galea u Maryanne Galea, John Galea u Loredana Galea, Alexander Farrugia u Mansueta Farrugia, Maria Gabriella Farrugia, Angela Incorvaja, John Aquilina u Maria Lourdes Aquilina, Saviour Cutajar, Mario Baldacchino u Mary Anne Baldacchino, Romeo Borg u Carmen Borg, Rose Borg, Carmel Cachia u Nazzarena Cachia, Gennaro Camilleri, J M Camilleri u M D Camilleri, Robert Camilleri, Saviour Darmanin, Emanuel Galea u Margaret Galea, Emanuel Gravina, Anthony u Teresa Mangion, Joseph Said u Lucia Said, Polyanne Schembri, Ray Sciberras u Lucienne Sciberras, Mario Xuereb u Dolores Xuereb, Andrew Zammit u Josephine Zammit kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Dicembru 2013 Paul Diacono u Susan Mary Diacono, Paul Debono, Michelina Debono u Joseph Debono, Daniel Grima u Nadia Grima, Carmelo Grima u Maria Dolores Grima, George Sammut u Maria Sammut, William Micallef u Maria Alfrida**

**Micallef kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Dicembru 2013 George Zammit u Yvonne Zammit, Jane Borg, Palma u Eugenio konjugi Borg, Carmel Borg, Joseph Mary Frendo u Mary Annunzjata Frendo, David Frendo, Rupert Buttigieg u Nathalie Buttigieg, Frances Amaira, Ivan Bartolo u Ruth Bartolo, Mario Vassallo u Josette Joan Vassallo, James Cutajar u Graziella Cutajar, Rosina Fenech u Philip Fenech, Grezju Micallef u Antonia Micallef, Carmelo Camilleri u Dolores Camilleri, Carmel Preca u Maria Stella Preca, Anthony Busuttil u Mary Anne Busuttil kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Dicembru 2013 Maria Camilleri u Maddalena Muscat kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fit-13 ta` Settembru 2013 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti giet kostitwita fid-9 ta` Dicembru 1997 bhala Kumpannija ta` Responsabbilta` Limitata.*

*2. Illi l-esponenti huwa direttur u l-uniku azzjonista fis-socjeta` kummercjali All Invest Company Limited kif muri fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok AI1.*

*3. Illi l-istatut tas-socjeta` rikorrenti qed jigi anness ma` dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok AI2.*

*4. Illi s-socjeta` rikorrenti ghaddiet rizoluzzjoni straordinarja hawn annessa u mmarkata bhala Dok AI3, fejn ghar-ragunijiet kollha premessi gie deciz li s-socjeta` rikorrenti tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti skont l-Art. 214(1)(a) u/jew l-Art. 214(2)(a)(ii) u dan a tenur tal-Art. 218(1) tal-Att Dwar il-Kumpanniji.*

*5. Illi jkun ghaqli wkoll illi pendenti d-decizjoni fiinali ta` din il-Qorti jigi appuntat amministratur provvizorju sabiex jamministra s-socjeta` rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha necessarji u opportuni :-*

*1. Tordna illi s-socjeta` All Invest Company Limited (C 22239) tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbazi tal-Art. 214(1)(a) u/jew l-Art. 214(2)(a)(ii) u dan a tenur tal-Art. 218(1) tal-Att Dwar il-Kumpanniji, bl-ispejjez a karigu tal-istess socjeta` rikorrenti.*

*2. Tordna li sakemm tinghata decizjoni finali jigi appuntat amministratur provvizorju sabiex jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-istess socjeta` rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur, kif ukoll id-dokumenti l-ohra li pprezentat ir-rikorrenti fil-kors tal-kawza.

Rat ir-rikors li pprezentat l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta fil-11 ta` Ottubru 2013 kif ukoll id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors fejn, ghar-ragunijiet li kienu spjegati, talbet li tintervjeni fil-kawza u talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talba ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Ottubru 2013 fejn ordnat in-notifika tar-rikors b`sebat ijiem zmien ghas-socjeta` rikorrenti biex twiegeb bil-miktub.

Rat ir-risposta u d-dokumenti li pprezentat ir-rikorrenti fl-24 ta` Ottubru 2013.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2013 fejn laqghet it-talba tal-Awtorita` sabiex tintervjeni fil-procediment tal-lum *in statu et terminis.*

Rat rikorsi ohra li pprezentaw persuni ohra fil-kors tal-kawza fejn ukoll talbu li jintervjenu *in statu et terminis* fil-procediment, kif ukoll id-digrieti fejn kienu milqugha dawn it-talbiet.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Xiehda</u>

**Av. Dr. Andre` Camilleri** – Direttur Generali tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta – xehed illi huwa jippresjedi l-Kunsill tas-Supervizjoni. L-Awtorita` qeghda toggezzjona t-talba tar-rikorrenti ghax-xoljiment u l-istralc taghha ghaliex meta kienet kostitwita, ir-rikorrenti ghazlet illi tapplika ghal licenzja skont l-Att dwar is-Servizzi tal-Investiment. Ghalhekk hija ghandha obbligi li ma johorgux mill-Kap 386 izda johorgu minn ligijiet ohra bhal Kap 370 u l-Att dwar l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta. It-talba ghal xoljiment u stralc ghandha tigi posposta sakemm tal-inqas ir-rikorenti tottempera ruhha ma` tlett istruzzjonijiet li nghataw lilha mill-Awtorita` ghall-harsien tal-klijenti tahha :- i) illi t-trasferiment tal-portafoll tal-klijenti b`mod ordnat u xieraq ; ii) illi tibqa` tirrispondi ghal-lmenti li saru fil-konfont taghha ; u iii) illi taghlaq il-pendenzi li ghandha mal-Awtorita`. Min bhar-rikorrenti ghandu din it-tip ta` licenzja, meta jkollu kawzi pendenti kontra tieghu, ma jistax jaqbad u jcedi l-licenzja izda jrid jibqa` jirrispondi. Dan kollu jirrizulta fid-direttiva li l-Awtorita` tat lir-rikorrenti Dok TM1.

Kompla jixhed illi l-Kunsill tas-Supervizjoni wasal sabiex jiehu dawk il-passi ghaliex minbarra l-fatt li kien hemm diversi ksur tad-disposizzjonijiet tal-ligi, kien hemm ukoll intricci li fihom kien involut id-Direttur Manigerjali u uniku azzjonista tar-rikorrenti, Wallace Falzon, relatati ma` xoghol li ghamel bhala intermedjarju fil-qasam tal-assikurazzjoni.

Bhala ezempju xehed illi kien hemm kaz li gie ghall-konjizzjoni tal-Awtorita` fejn Wallace Falzon bigh polza tal-assikurazzjoni tramite All Invest, u mbaghad ikkonvinca lill-investitur biex jissellef somma minghand din is-socjeta` ta` assikurazzjoni biex jinvestihom fi prodotti li kien qed ibiegh hu bhala All Invest. Kien hemm azzjonista ohra, li kienet l-mara tieghu, u li tnehhiet, sabiex Wallace Falzon sar *sole shareholder.* In segwitu ta n-notice lill-haddiema u ttermina l-impieg taghhom.

Qal illi skont l-Awtorita` ma jistax ikun li min ikollu licenzja bhal ma kellha All Invest thalli mdendlin mal-€23 miljun ta` hafna investituri. Hawn si tratta ta` persuna li nvesta patrimonji kbar ta` nies li llum jinsabu msallbin.

Kompla jghid illi principalment kienu tlieta l-prodotti : LM ; ARM li kienet kumpannija li tinvesti fi poloz ta` assikurazzjoni, l-aktar ta` persuni

anzjani fl-Amerka li falliet ; u prodott li hareg Bank Olandiz, SNS Retail Envail.

Riferibbilment ghal Dok DM3 xehed illi bejn l-2008 u 2009, kien reklamat il-prodott ARM, li huwa prodott kompless u mhux intiz ghal investituri normali, izda ghal investituri li jkollhom *high net worth.* Ghalhekk l-Awtorita` kienet harget avviz fi Frar 2009 fejn wisset lill-*investment services holders* kollha li ARM ma kienx prodott ghal kulhadd. L-avviz kien inhareg anke fil-konfront ta` All Invest. Cio` nonostante l-prodott baqa` jinbiegh bl-addocc. L-Awtorita` saret taf li kien hemm persuni li kienu nvestew sahansitra nofs gidhom f`dak il-prodott biss, haga li m`ghandhiex ssir.

Kompla jghid illi s-socjeta` rikorrenti baqghet tbiegh dak l-prodott u dik kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex l-licenzja taghha kienet giet sospiza. Huwa principju kardinali ta` min ikollu dik it-tip ta` licenzja li jrid jagixxi dejjem fl-ahjar interess tal-investitur.

B`referenza ghal Dok DM 5, stqarr illi l-prodott ARM kien jinbiegh esklussivament tramite kumpannija partikolari. All Invest kienet taqsam il-kummissjoni li kienet tircievi ma` din il-kumpannija. F`Novembru 2010, l-Awtorita` talbet lid-distributur Malti biex jghid kemm kienu nbieghu prodotti ARM. L-Awtorita` kienet infurmata illi mit-tlett kumpanniji li kienu jbieghu, tnejn minnhom ma kienu bieghu xjen, mentri l-All Invest kienet bieghet 51 ta` dan il-prodott ghall-valur komplessiv ta` €613,000.

Kompla jghid illi wara li l-Awtorita` avzat lil All Invest li l-licenzja taghha kienet se tigi sospiza, l-Awtorita` – gimgha wara - irceviet ittra minghand All Invest fejn iddikjarat illi riedet iccedi l-licenzja. Ghall-Awtorita`, il-licenzja ma setghetx tigi ceduta stante li kien hemm lmenti jew kawzi pendenti kontra All Invest.

Fisser illi in segwitu l-Awtorita` ddecidiet l-azzjoni li kienet sejra tiehu fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti. Din appellat mid-decizjoni tal-Awtorita` izda xorta wahda baqghet ghaddejja bit-terminazzjoni tal-impiegi tal-impjegati taghha.

Stqarr illi bla avzat lill-Awtorita`, is-socjeta` rikorrenti ttrasferiet jew ppruvat tittrasferixxi l-klijenti taghha. Ipprovat iggieghel lill-klijenti sabiex jiffirmaw klawsola tal-esoneru taghha minn kull responsabilita`. L-Awtorita` ordnat lis-socjeta` rikorrenti biex tirtira l-azzjoni taghha. Il-compliance officer Godfrey Catania zamm il-komunikazzjoni bejn l-Awtorita` u All Invest.

Kompla jghid illi wara din l-azzjoni tal-Awtorita`, Wallace Falzon ipprezenta r-rikors tal-lum minghajr il-kunsens jew preavviz tal-Awtorita`.

Dwar l-ARM SA jispjega li dan origina mill-Lussemburgu. Kienu hargu madwar tmien bonds li nbieghu. Hafna minnhom inbieghu Malta. ARM SA kienet applikat mar-regolatur tal-Lussemburgu biex tinghata licenzja u baqghet tohrog bonds ohra. Harget minn disgha sa tlettax–il bond. Ftit minnhom xorta nbieghu lil cittadini Maltin, ghalkemm il-bond fil-fatt ma kienitx ghada harget.

Qal illi safejn jaf hu All Invest ma kienx ghad ghandha *clients accou*nt ghaliex jidher li ghalqet il-kontijiet tal-bank hlief ghal tnejn minnhom li kienu kolpiti b`mandat ta` sekwestru.

Fil-**kontroezami**, kien mistoqsi jekk l-Awtorita` kenitx qeghda issegwi l-kontijiet finanzjarji tar-rikorrenti. Wiegeb illi kienet qeghda taghmel dan sa certu punt ghaliex kien hemm hafna mill-kontijiet ta` All Invest, u anke kontijiet ta` Falzon de proprio li kienu ghadhom ma nstabux. Mistoqsi jekk l-Awtorita` tafx x`kienet is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti, stqarr illi Falzon kien qalilhom illi r-rikorrenti ma kellhiex aktar mezzi sabiex topera. L-Awtorita` min-naha taghha ma kkonfermatx jekk dan kienx tassew inkella le. L-Awtorita` ma ghamlitx *independent audit.* Mistoqsi x`taghmel l-Awtorita` meta jigu prezentati lilha l-*financial returns*, xehed illi l-Awtorita` tezaminahom, u fejn issib mankanzi, tattira l-attenzjoni tas-socjeta` jew jittiehdu mizuri aktar serji. Ghal li ghandu x`jaqsam mal-*financial statements* tar-rikorrenti, dawn kienu ezaminati mis-*securities and market`s unit* tal-Awtorita.

Ikkonferma illi l-quantum ta` claims li kien hemm fil-qrati kontra r-rikorrenti kien jaqbez il-€150,000.

Qal illi r-rikorrenti ghandha l-licenzja sospiza, u ghalhekk ma tistax taghmel aktar negozju. M`ghandhiex aktar dhul. L-Awtorita` qed toggezzjona ghax-xoljiment u ghall-istralc tar-rikorrenti ghaliex anke jekk ir-rikorrenti mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha ghandha obbligi x`tonora qabel max-xoljiment u l-istralc taghha jkun jista` jigi kkunsidrat.

Saret riferenza ghal email datata 10 ta` April 2013 (Dok AIC 2) u dwarha kien mistoqsi jekk sa l-10 ta` April 2013 kenitx ir-rikorrenti ntimata li sejra tkun sospiza l-licenzja. Wiegeb illi sa dakinhar l-Awtorita` ma kinitx wissiet lir-rikorrenti dwar is-sospenzjoni ta` licenzja.

Ikkonferma li wara l-2007, l-unika azzjoni li hadet l-Awtorita` fil-konfront tar-rikorrenti kienet twissija (*reprimand*) u dan fis-7 ta` Marzu 2011.

Sahaq illi dak li riedet l-Awtorita` kien illi r-rikorrenti tipposponi procediment tax-xorta tal-lum sakemm tonora l-obbligi taghha. Dan sar permezz ta` direttiva taghha tas-16 ta` Settembru. L-Awtorita` trid illi qabel ma jsir ix-xoljiment u l-eventwali, jigu decizi l-pendenzi kollha gudizzjarji.

Kien mistoqsi jekk fost dak li jirregola s-settur il-ligi tipprovdix ghal dik maghrufa bhala *"investor compensation scheme"*. Huwa wiegeb illi skema ta` din ix-xorta hija prevista mil-ligi taghna, wara li kienet introdotta fl-UE. Ghal certa kazi, huwa previst kumpens meta kumpanniji li joffru servizzi ta` investiment jieqfu joperaw. Fil-kaz ta` Malta, hemm hafna restrizzjonjiet. L-iskema tista` tiskatta biss jekk ikun hemm element ta` frodi. Il-kumpens jigi minn fondi li kull min jiehu licenzja fis-settur irid jikkontribwixxi ghalih. Irid jaghmel disponibbli ammonti akbar fl-iskema jekk jinqala` disastru finanzjarju. Mistoqsi jekk d-dritt ta` investitur li jibbenifika minn din l-iskema jiskattax malli jkun hemm ordni ta` stralc, wiegeb illi ma jafx ghaliex hu ma jamministrax l-iskema.

Muri r-rapport annwali tal-*investor compensation scheme* ghall-2012 (Dok RZP 4) accetta bhala fat illi l-*management committee* li jamministra l-fond huwa appuntat mill-Awtorita`. Muri l-*financial statement*s ta` dan l-kumitat ikkonferma illi bhala assi netti kien hemm €2,180,000. Cahad kategorikament illi l-Awtorita` kienet qeghda toggezzjona l-istralc tar-rikorrenti biex ma jiskattax l-mekkanizmu fejn din l-iskema jkollha thallas,

ghaliex ma hemmx bizzejjed flus. Qal illi taht l-iskema kien hemm *capping* ta` kemm jista` jigi rimborsat investiture li kien jammonta ghal ammont ta` madwar €20,000.

**<u>Av. Dr. Michelle Buontempo</u>** – Deputat Direttur - Securities and Market Supervision Unit – xehdet illi kienet responsabbli ghall-*compliance officers* li marru l-ufficcju tar-rikorrenti biex jaghmlu ricerka. Bhala parti mill-investigazzjoni taghhom, huma rricerkaw fuq l-ammont ta` flus li investituri Maltin kienu investew go certa prodotti. Skont l-investigazzjoni, jafu li r-rikorrenti nvestiet l-ekwivalenti ta` kwazi €16–il miljun ta` investituri Maltin fl-ARM Bonds, li bhalissa huma *under provisional liquidation* fl-Ingilterra. Dan qed jigri ghaliex din is-socjeta` esteraa kienet qed tbiegh *bonds* minghajr ma kellha l-poteri u l-licenzja necessarja biex taghmel dan. Minbarra dan ir-rikorrenti bieghet l-ekwivalenti ta` kwazi €6 miljun fl-LM Funds. Din hija skema stabbilita fl-Awstralja, li qeghda wkoll *under provisional administration.* Ir-rikorrenti bieghet ukoll kwazi €3 miljun bonds li kien hareg bank Olandiz bl-isem S & S, li kien gie nazzjonalizzat mill-Gvern tal-Olanda, u fejn kien determinat illi l-investituri ma kienux ser jiehu kumpens ghall-investiment taghhom.

Mistoqsija mill-qorti jekk kellhiex l-Awtorita` tkun infurmata qabel isir investiment, wiegbet illi una volta tkun inghatat l-licenzja, huwa obbligu ta` l-*licence holder* li jara li l-investiment li qed jaghmel huwa fl-interess tal-klijent.

Qalet illi z-zewg prodotti – ARM Bonds u LM Funds – huma dawk li jissejhu *complex products*, li ghalhekk mhumiex adatti ghal kull tip ta` investitur. Ghal dawk il-prodotti l-investitur irid ikollu gharfien u esperjenza fis-sens illi jifhem r-riskji relatati ma` l-investiment.

Qalet illi meta l-*investment service licence holder* jaghti parir, ghandu jara li d-dhul tal-klijent ikun bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb ghar-riskju tal-prodott. Huwa obbligat li, anke jekk l-klijent irid xorta wahda jixtri l-prodott, jara li idonejita` tal-klijent jilhaqx l-*investive objective* tal-klijent ; allura ghandu jirrifjuta li jbieghlu l-prodott.

Stqarret illi minn dak li rat l-Awtorita, kien hemm iktar minn 70% tal-files tar-rikorrenti, fejn inbieghu prodotti lil nies li ma kellhomx it-taghrif jew l-esperjenza necessarja biex jinvestu fil-prodott.

Fissret illi minn informazzjoni li akkwistat, l-Awtorita` taf li fuq il-prodotti ARM Bonds u LM Funds, ir-rikorrenti thallset madwar € 1.6 miljun f`kommissjonijiet. Ghall-bejgh ta` prodotti ohra thallset kwazi €600,000 bhala kommissjonijiet.

Dwar l-ARM Bonds, gewwa Malta kien hemm distributur primarju. Ir-rikorrenti kienet sub-agent. Bejniethom sar ftehim li bis-sahha tieghu, aktar mar-rikorrenti kienet tbiegh mill-prodott, aktar kienet tizdied il-kommissjoni taghha. Jekk tbiegh sa €1.5 miljun kienet tircievi kommissjoni ta` 3.5%. Jekk tbiegh minn €1.5 miljun sa €2 miljun, il-kommissjoni kienet titla` ghal 3.75%. Jekk il-bejgh jaqbez iz-€2 miljun, allura l-commission titla` ghal 4%.

Skont ir-regoli tal-Awtorita`, anke minhabba li jista` jkun hemm konflitt ta` interess, fis-sens illi aktar ma tbiegh aktar tizdied il-commission, l-*investment services licence holder* ghandu jithallas biss mill-klijent. Jista` jkun hemm hlas minn terza persuna biss b`certa kondizzjonijiet ; wahda minnhom hija li minhabba dak il-pagament ikun se jinghata servizz ahjar lill-klijent. Dan kollu beda jsir bejn l-2008 u l-2012. Hekk jidher minn Dok MMB 1.

Kompliet tghid illi l-Awtorita` saret taf ukoll bi prodott iehor fejn Wallace Falzon dahal personalment fi ftehim ma` din l-iskema fejn iktar ma jbiegh prodotti ta` l-iskema, aktar tircievi kommissjonijet l-All Invest u tiehu wkoll percentagg ta` *founder shares*. Ghal Awtorita` din hija vjolazzjoni tar-regoli tant li kien hemm investigazzjoni ghaddejja.

Spjegat illi minbarra l-kommissjonijiet li r-rikorrenti hadet fuq it-tlett prodotti li semmiet, jidher li kien hemm kommissjonijiet ohrajn, kif jidher mill-*financial statements* u l-*financial returns* taghha. Fil-*financial statements* tal-2010, jidher illi bhala kommissjonijiet, ir-rikorrenti hadet €334,974, izda minn informazzjoni ohra, l-Awtorita` saret taf illi fil-fatt thallset €402,266. Ghalhekk kien hemm *short fall* ta` madwar €67,000. Nuqqas iehor li jidher fil-*financial statements* tal-2009, huwa illi hemm l-

ammont ta` kommissjonijiet turi figura ta` €125,867 waqt illi l-Awtorita` saret taf illi fil-fatt ir-rikorrenti rceviet €180,000.

Kompliet tghid illi skont l-*interim financial return* sal-31 ta` Dicembru 2013, jidher illi r-rikorrenti ghandha assi ta` €150,000. Ghalhekk ghadha tlahhaq mal-*financial resource requirement* li huwa ta` €125,000. Ir-*returns* ma kienux awditjati ; lanqas ma kien fihom *provision* ghal *contingency* dwar claims li kien hemm.

Dwar il-claims kontra r-rikorrenti, stqarret illi fil-maggiorparti taghhom kienu jirrigwardaw l-prodott ARM Bonds. Dwar dawn il-bonds ghad hemm incertezza kbira jekk humiex se jkunu rkuprati nkella le.

Qalet ukoll illi l-Awtorita` m`ghandhiex lista ta` investituri li tramite l-Investment Compensation Scheme thallsu xi forma ta` kumpens. Dawn huwa hekk ghaliex ghalkemm huma talbu ghal din l-lista mill-Financial Services Compensation Scheme tal-Ingilterra, dik l-lista kienet ghadha ma waslitx.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, kienet domandata x`ifisser "*emphasis of matt*er" li hemm miktub fil-ahhar *audited accounts* tar-rikorrenti. Wiegbet illi d-decizjoni tad-direttur li jirrilaxxa l-licenzja tfisser li r-rikorrenti mhijiex mihiex *a going concern*.

Qalet illi ghalkemm All Invest riedet tnehhi l-licenzja, l-Awtorita` ma accettatx li jsir dan.

L-Awtorita` kienet ukoll ghamlet kondizzjoni li ma setghetx taccetta negozju gdid izda r-rikorrenti kellha tibqa` *investment services licence holder* sabiex tonora l-obbligi. Mill-kontijiet, jirrizulta wkoll illi hemm €140,000 li huma marbuta minhabba *claim.* Fil-*quarterly returns* inghad illi s-socjeta` ghandha assi ta` €150,000, ghalkemm €140,000 minnhom kienu maqbudin.

Ikkonfermat illi l-Awtorita` taf li wara t-30 ta` April 2013, kienu saru mandati ta` sekwestru ohra kontra r-rikorrenti. Skont il-mandati, l-ammont pretiz kien jeccedi l-€200,000.

Mistoqsija x`inhi n-natura tal-ilmenti li hemm fil-konfront tas-socjeta` tghid li dawn huma *mis-selling* ta` prodotti ta` investiment.

Ikkonfermat ukoll mal-Awtorita` l-*investment service licence holder* hija r-rikorrenti mhux Wallace Falzon personalment.

**Wallace Falzon** kien mistoqsi dwar diskrepanzi li kien hemm fid-dikjarazzjonijiet tas-snin 2009 u 2010. Huwa qal illi ghadda kollox lill-*accountant* u dan ipprepara kollox hu. Qal illi huwa kellu zewg licenzji : wahda fuqu personali ; u ohra fuq ir-rikorrenti.

Qal illi huwa kien joqghod fuq li jghidulu l-accountants. Fl-2009 kellu lil Brian Tonna ta` Nexia BT. Fl-2010 kellu lil Daniel Camilleri. Hu kellu *accountant* personali ghaliex Nexia BT kienet l-awditur ta` All Invest Company Limited.. Ghalhekk Nexia BT kienet l-accountant u l-awditur tas-socjeta`.

Mitlub jispjega kif wara li giet sospiza l-licenzja, jidher li dahlu kommissjonijiet godda, stqarr illi l-kommissjonijiet dejjem jidhlu tard, minn tnejn sa tliet xhur wara.

Ikkonferma illi x-xoghol taht l-licenzja personali tieghu baqa` ghaddej izda x-xoghol bil-licenzja tar-rikorrenti waqaf wara s-sospensjoni tal-licenzja.

**Fil-kontroezami**, xehed illi l-impjegati tieghu kienu jithallsu b`salarju u kommissjonijiet. Mill-klijenti tar-rikorrenti disa` mija (900) minnhom kienu trasferiti lil persuna ta` fiducja taghhom. Kien fadal biss ghoxrin (20) klijent li li kienu ghadhom mhux trasferiti. Dwar il-lista tal-investituri li kienu mar-rikorrenti, stqarr illi dawk kienu n-nies li kellhom investimenti fil-prodotti ARM u LM.

**Lorraine Falzon** – direttur - MFSP Financial Management Limited – xehdet illi wara talba tal-MFSA kienet baghtet lista ta` pagamenti li MFSP ghaddiet lir-rikorrenti. MFSP kellha ftehim mal-kumpannija Catalist Investments Group u ma` LM Investment Management. Peress illi r-rikorrenti uriet interess li xtaqet tippromwovi dawn z-zewg prodotti, kien

hemm ftehim sussidjarju bejn MFSP u r-rikorrenti biex din tista` toffri dawn l-prodotti lill-investituri. Dok LF1 hija lista tal-kommissjonijiet kollha li thallsu lil All Invest Company Limited.

**Emanuel Castagna** – awditur - Nexia BT – xehed illi kienu responsabbli ghall-awditjar tal-kontijiet tar-rikorrenti sal-2010. Huwa kien direttament involut fl-audit.

Stqarr illi l-*audit report* ghas-snin 2008, 2009 u 2010 huwa rapport nadif.

Mistoqsi jispjega d-diskrepanzi fil-konteggi, stqarr illi mix-xoghol taghhom jista` jkun li d-diskrepanza ma hargitx ghaliex huma ma jinvestigawx t-transazzjonijiet kollha mija fil-mija.

Jiftakar li huma kienu jitkellmu ma` Wallace Falzon li kien direttur u li kien hemm Teddy Portelli li kien l-intermedjarju bejn l-All Invest u Nexia BT, li dak z-zmien kien jisimha Brian Tonna and Co.

Qal illi ma jiftakarx li kien hemm din id-diskrepanza, u jghid illi kieku sabha kien jikkwalifikaha.

Stqarr illi wara l-2010, kienet decizjoni tar-rikorrenti illi Nexia BT ma tibqax l-awdituri taghha.

**Fil-kontroezami**, xehed illi r-rikorrenti kienet tuza *international financial reporting standards*. Il-kommissjonijiet jinkitbu bhala *accruals*.

**David Curmi** – Kap Ezekuttiv - MSV Life plc – ikkonferma l-kontenut ta` Dok DM7, li huma lista ta` kommissjonijiet li thallsu lir-rikorrenti.

**Fil-kontroezami**, xehed illi r-relazzjoni taghhom ma` All Invest kienet ta` *tied insurance intermediary* sa mill-1 ta` April 2007. Qabel kellhom relazzjoni ma` kumpannija jisimha Rosevole Company Limited. Kollox bl-

approvazzjoni ta` MFSA. L-informazzjoni ta` Dok DM 7 hija *on an accrual basis*, li jfisser li ghas-sena 2009 jista` jkunu saru pagamenti fl-2010.

**<u>Dr. Andre` Imbroll</u>** - direttur - Land Overseas Fund Sicav plc - ikkonferma l-kontenut ta` Dok DM 6.

Qal illi l-investituri li setghu jinvestu go t-tip ta` fund ta` dan it-tip huma *qualifying investors*. Hemm lista ta` kriterji li wiehed irid jimxi maghhom sabiex jikkwalifika bhala "*qualifying investor*". Dawn il-kriterji jirrizultaw kemm mil-ligi kif ukoll fil-prospectus. Hemm differenza bejn *experienced investor* u *qualifying investor* ; ezempju fost ohrajn : *experienced investor* jista` jkollu investment minimu ta` €10,000 ; *qualifying investor* jista` jkollu investment minimu ta` €75,000, izda t-tnejn iridu jkunu jafu x`inhuma jaghmlu.

Qal illi All Invest kellha licenzja tat-tieni kategorija.

Kompla stqarr illi wara li gara dak li gara, u ltaqghu mal-investituri, sabu li dawn ma kellhomx il-minimu ta` €75,000 investiti. Il-bicca l-kbira tal-investituri kellhom esperjenza ghaliex diga` kellhom investimenti ohra.

Qal illi All Invest kellha kommissjoni minn fuq is-sales li jekk jintlahaq certu ammont ta` investiment, Wallace Falzon kien ikollu parti mill-*founder shares*. L-amont qatt ma ntlahaq.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed illi huma zewg sub-funds ta` Land Overseas Fund SICAV u cioe` Land Overseas Property Fund u Land Overseas Distributor Fund. Fil-fund tal-ahhar, l-investituri kollha li kienu ma` All Invest talbu li jigu trasferiti ghal *holding* direttament fuq isimhom. Ghar-rigward tal-*property fund*, iltaqghu mal-investituri kollha, u kollha talbu wkoll li jigu trasferiti ghal *holding* fuq isimhom.

**<u>Karl Bonanno</u>** – awditur - partner ditta Ecovis – xehed li huma ghamlu l-audit tar-rikorrenti ghas-snin ta` bejn 2011 u l-2013. Fl-2011, All Invest hadet *dividends* jammontaw ghal €156,632. Il-provenjenza kienet minn *trading normali* u minn bejgh ta` proprjeta`. Il-proprjeta` kienet

tikkonsisti minn fond Marsaskala u art s-Swieqi. Wallace Falzon li huwa l-azzjonista tar-rikorrenti ha r-*retained earnings* kollha li kellha s-socjeta`.

**Fil-kontroezami**, spjega li sakemm ikun hemm profiti akkumulati li gejjin mis-snin ta` qabel, id-*dividends* jistghu jigu distribwiti.

**Daniel Camilleri** – book-keeper – All Invest Company Limited – xehed li wara l-2009 kien l-accountant estern tas-socjeta`. Muri l-*financial returns* Dok DM 2, Dok DM 4; Dok DM 8 u Dok DM 9, ikkonferma li kien hejja d-dokumenti hu. Qal illi ma jafx ghaliex hemm diskrepanza bejn dak li ddikjarat l-All Invest li mill-ISA *related revenue* dahlet € 334,974, filwaqt li MFSP qalet li l-ammont kien € 402,266.58. Huwa qatt ma ntalab sabiex jaghmel *reconciliation* tar-*returns* tas-sena 2009.

Mistoqsi jispjega kif ghalkemm l-licenza tar-rikorrenti kienet diga` sospiza, jidher li kien hemm pagamenti ta` kommissjonijiet ta` € 34,000, stqarr illi hemm dahlu l-pagi. Is-salarji dejjem kienu jidhlu fir-*returns* bhala kommissjonijiet.

Sostna illi hu kien jipprepara biss il-kotba tal-kumpannija. Persuni ohra kienu jippreparawlu l-informazzjoni u jghaddulu l-bank statements, id-dokumenti relatati mad-depoziti tal-bank, u d-dokumentazzjoni kollha necessarja.

**Fil-kontroezami**, kien mistqosi dwar l-informazzjoni li kien jircievi. Qal illi din tkun dokumentazzjoni li - per ezempju - jippreparaw fuq d-dhul. L-informazzjoni ghalhekk kienet tinghata fil-forma ta` dokumentazzjoni. Kull xahar kien jinghata bank statement u ssir *reconciliation*.

Ghar-rigward tal-kommissjonijiet, kien jinghata d-*deposit slip* jew jekk jidhlu direttament l-bank d-dokumentazzjoni rilevanti.

Mistoqsi dwar dak li kienu jaghmlu l-awdituri, stqar illi huwa qatt ma ra l-*audit file*.

Lill-awdituri kien jaghtihom l-*management accounts* u l-kotba.

Fisser illi fl-ahhar zmien ta` bejn l-2011 u 2013, l-awditur kien talbu sabiex issir *reconciliation* ; din saret ; u kienu qablu.

Kompla jghid illi d-dokumenti li marru l-MFSA, rahom l-ewwel darba matul l-kawza. Hu ghamel rikonciljazzjoni bejn dawk d-dokumenti u r-*records* li minn fuqhom kienu hargu l-*audited accounts* ta` All Invest. Huwa ghamel rikonciljazzjoni bejn l-2008 u 2013 tal-MFSP u rrizultat diskrepanza ta` € 5,500 ; dan fuq firxa ta` hames snin. L-ispjegazzjoni ghal din kienet illi fl-2011, kien hemm zball ta` € 6,045 min-naha ta` MFSP.

Ikkonferma li kienu tlestew l-*audited accounts* tal-2013,.

Ipprezenta kopja taghhom Dok DC2.

Il-kommissjonijiet skont l-MFSA u l-kotba jaqblu.

Dwar id-diskrepanza rilevata mill-MFSA, stqarr illi fl-2012 kien hemm differenza, pero` dik d-differenza pattiet ghaliha l-2013.

Mistoqsi mill-qorti x`kienet il-qaghda prezenti tar-rikorrenti, xehed illi bhala assi kellha ammont ta` € 152,000, *liabilities* kellha ta` €1,500, u kien hemm ammont ta` €146,000 kolpiti b`mandat ta` sekwestru.

Dwar l-*contingent liabilities* qara nota 23 fil-*financial statements*. Jirrizulta li hemm *contingent liabilites* ta` aktar minn €500,000.

## III. <u>Sottomissjonijiet</u>

### 1. <u>Ir-rikorrenti</u>

## a) **<u>Fatti</u>**

Taghmel riassunt tal-fatti.

Kienet kostitwita fid-9 ta` Dicembru 1997, bhala kumpannija ta` responsabbilita limitat,a u kienet tipprovdi servizzi ta` intermedjazzjoni finanzjarja. Kienet licenzjata bhala intermedjarja skont l-Att dwar Servizzi tal-Investiment u kienet awtorizzata tagixxi bhala "tiediInsurance intermediary" ghal kumpannija MSV Life plc. Fost l-investimenti li kienet tbiegh, kien hemm in partikolari : i) prodott ARM, mahrug minn kumpannija fil-Lussemburgu li kienet rapprezentata Malta mill-agent MFSP Financial Services Limited, bir-rikorrenti tagixxi bhala sub-agent taghha ; prodott LM Australia – mahrug minn kumpannija regolata fl-Awstralja li kienet rapprezentata Malta wkoll minn MFSP bir-rikorrenti tagixxi bhala sub-agent taghha ; u iii) prodott SNS Bank – Bond mahrug fl-Olanda. It-tliet prodotti rriskontraw problemi serji li wassal ghal numru ta` investituri biex jaghmlu telf sostanzjali.

Il-prodott ARM sab problemi regolatorji fil-Lussemburgu u fl-Ingilterra.

Il-prodott LM Australia sab problemi regolatorji wkoll.

Ghalhekk ir-rikorrenti taghmel l-argument illi ma tistax tkun ritenuta responsabbli ghall-problemi regolatorji li l-prodotti kellhom fil-Lussemburgu, fl-Ingilterra u fl-Awstralja.

Fil-kaz tal-prodott SNS Bank, il-Bank Olandiz ltaqa` ma` problemi finanzjarji. Infatti fi Frar 2013, il-Gvern tal-Olanda nnazzjonalizza l-bank, u espoprija mhux biss l-ishma tieghu izda s-*subordinated bonds* mahruga mill-bank.

Ghalhekk anke fil-kaz tal-bank Olandiz ir-rikorrenti tghid illi m`ghandha htija ta` xejn ghal li sar.

Frott ta` dan kollu, ir-rikorrenti tghid illi n-negozju taghha mar lura, garrbet telf ta` reputazzjoni, u sabet ruhha rinfaccjata bl-ghadab tal-investituri klijenti taghha.

Fil-31 ta` Dicembru 2012, l-attiv nett ta` All Invest kien jammonta ghal €167,971 filwaqt illi kellha "*total cash and cash equivalents*" ta` €145,903.

Kif jirrizulta mill-kontijiet annwali awditjati sal-15 ta` April 2013, kien hemm protesti gudizzjarji fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta` €262,282.

Apparti minn hekk kien hemm l-ammont ta` €140,000 li kienu marbuta l-bank minhabba garanzija bankjarja.

Bhala rizultat is-socjeta` ma baqghetx "*a going concern*".

Ir-rikorrenti ssostni li MFSA kienet infurmata bit-talba taghha sabiex iccedi l-licenzja fil-10 ta` April 2013, u l-Awtorita` ma accettatx li dan isir. Minflok fis-6 ta` Gunju 2013, l-Awtorita` ssospendiet l-licenzja bhala mizura regolatorja. Ir-rikorrenti ma accettatx id-decizjoni u ghamlet appell skont il-ligi.

Skont dikjarazzjoni dwar il-qaghda finanzjarja tas-socjeta` sas-6 ta` Settembru 2013, l-attiv net kien € 144,553. Sa Settembru 2013, saru erbgha (4) kawzi kontra taghha ghal-likwidazzjoni tad-danni bi quantum illi jeccedi l-attiv taghha.

Bhala fatt, ir-rikorrenti m`ghandhiex aktar impjegati.

Permezz ta` risoluzzjoni straordinarja tat-12 ta` Settembru 2013, l-uniku azzjonista u cioe` Wallace Falzon ha decizjoni illi jxolji u jistralcja r-rikorrenti skont l-Artikolu 214(1) u/jew l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386. L-istess Falzon mhux biss huwa l-uniku azzjonista, izda huwa wkoll l-uniku direttur u rapprezentant tar-rikorrenti. Jiddetjeni 139,726 sehem ordinarju ta` €1.00 kull sehem.

## b) L-argument

Skont ir-rikorrenti, il-posizzjoni li hadet MFSA fil-procediment tal-lum hija assurda u tmur kontra l-principji bazilari tad-dritt fallimentari.

Taghmel l-argument illi l-ligi taghnaa ma tridx li jkun hemm tellieqa bejn l-kredituri.

Ghalhekk mal-ordni tal-istralc l-ebda kreditur ma jista` jithallas qabel l-ohrajn u lanqas jista` jibda jew ikompli xi proceduri kontra l-kumpannija.

Din tal-lum mhijiex procedura ta` stralc volontarja izda procedura ta` stralc mill-qorti.

Il-fatt li l-kumpannija tmur fi stralc ma jfissirx li d-direttur se jahrab mir-responsabbilitajiet tieghu, izda ghal kuntrarju kollox jitpogga taht l-iskrutinju tal-Qorti.

Minbarra dan, mal-ordni tal-istralc, il-kumpannija ma tieqafx tezisti, izda ghal kuntrarju tibqa` bil-personalita guridika taghha.

Tirreferi ghad-disposizzjonijiet fejn qorti ghandha u dawk fejn qorti tista` tordna xoljiment u stralc.

Tirreferi wkoll fiz-zewg kazi ghall-gurisprudenza ta` din il-qorti kif presjeduta.

Ghar-rigward tal-pretensjoni taghha illi mhijiex fil-posizzjoni li thallas id-djun taghha, ir-rikorrenti tirreferi ghall-Art 214(5)(b) tal-Kap 386.

Skont ir-rikorrenti hija ghandha tigi xjolta u stralcjata skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 386 li fuqhom qeghda tistrieh.

Skond ir-rikorrenti, l-ebda disposizzjoni li ccitat in sostenn tal-istanza taghha ma taghti xi dritt lill-MFSA li zzomm talba ta` xoljiment u stralc.

Dak li qeghda tistrieh fuqu MFSA mhux ligi.

Regolamenti u direttivi, anke jekk mahruga mill-Awtorita, qatt ma jistghu jkollhom s-sahha ta` ligi u ghalhekk ma jistghux jipprevalu fuq il-Kap 386, jew jidderogaw minn dak li tiddisponi l-ligi.

Ir-rikorrenti tikkontendi li l-Investment Services Rules ma jistghux jitqiesu bhala ligi.

Bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti taghmel l-argument illi l-istess regoli citati mill-Awtorita` ma jsostnux l-posizzjoni taghha.

Taghmel referenza ghal Part 1 tal-Investment Services Rules u Part B1.

Dwar l-oggezzjoni ta` l-Awtorita` ghaliex ir-rikorrenti kienet qed tagixxi biss bhala *nominee* u ghalhekk jekk l-istralc isehh, l-investituri ser jigu ppregudikati, ir-rikorrenti tissottometti illi hija ezawriet il-mezzi kollha biex tittrasferixxi l-kontijiet tal-klijenti taghha, u bhala fatt kienu trasferiti prattikament l-kontijiet tal-klijenti kollha. Il-preokupazzjoni tal-Awtorita` li kull ilment mal-Financial Services Compensation Scheme kellha ssir mir-rikorrenti (mhux mill-investituri) huwa nfondat. Tant dan huwa hekk illi fil-mori ta` dawn l-proceduri, investituri bdew jircievu kumpens direttament mill-FSCS minghajr l-involviment tar-rikorrenti – fatt mhux kontestat minn MFSA. Allura anke jekk ghad baqa` xi investimenti, dawn mhux se jintilfu ghaliex ikun hemm ordni ta` xoljiment, billi r-rikorrenti tibqa` tezisti bhala persuna legali sakemm l-isem ma jigix imhassar mir-Registru.

Dwar l-allegazzjonijiet tal-Awtorita` dwar prattici hziena, “misselling” u ksur ta` ligijiet, dawn gew firmament kkontestati mir-rikorrenti.

Saret ukoll referenza ghall-Investor Compensation Scheme Regulations li hargu bl-Avviz Legali 368/2003.

Minn qari tad-disposizzjonijiet jirrizulta li l-ligi tikkontempla ordni ghal xoljiment u stralc mill-qorti qabel ma` l-Awtorita` tkun ghamlet id-determinazzjoni taghha, u mal-ordni tal-istralc, jidhlu fis-sehh ir-regolamenti.

## 2. <u>MFSA</u>

L-Awtorita` tikkonferma li r-rikorrenti kienet licenzjata bhala intermedjarja, u kienet awtorizzata tagixxi bhala "*Tied Insurance Intermediary*" ghal MSV Life plc.

Meta r-rikorrenti tiddeskrivi l-prodotti li kienet tbiegh, tinsisti li hargu minn kumpanniji barranin li kienu rapprezentati Malta minn MFSP. Il-fatti illi r-rikorrenti kienet sub-agent tal-MFSP ma jwarrabx minn fuqha xi tip ta` responsabilita`.

Bhala socjeta` debitament licenzjata, All Invest tibqa` responsabbli ghall-prodotti li kienet tbiegh.

Inoltre r-rikorrenti kienet responsabbli li taghmel *assessment on a client to client basis* sabiex tara jekk il-prodott kienx addattat jew le ghal klijent partikolari.

Dwar id-decizjonijiet regolatorji li seta` ttiehdu fil-Lussemburgu, fl-Ingilterra u fl-Awstralja, MFSA tghid illi n-nuqqasijiet kbar li sabet ma kellhom x`jaqsmu xejn ma` dan kollu.

In-nuqqasijiet kbar li wasslu lill-Awtorita` biex tissospendi l-licenzja kellhom x`jaqsmu mal-fatt li All Invest qatt ma misset bieghet dawk il-prodotti finanzjarji lill-maggoranza assoluta tal-klijenti taghha billi ma kinux prodotti adatti ghalihom.

Dwar l-*audited accounts* li fuqhom ir-rikorrenti qeghda tistrieh, MFSA tghid illi mill-provi rrizulta li kien hemm diskrepanzi kbar fil-figuri.

Il-fatt li l-Awtorita` ma accettatx s-*surrender* volontarja tal-licenzja, izda minflok issospenditha kien proprju sabiex jigu salvagwardati l-ahjar interessi tal-investituri.

Fuq kollox tghid l-Awtorita` illi dak illi qeghda taghmel bl-intervent taghha fil-procediment tal-lum obbligata li taghmlu ai termini tal-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji.

Inoltre l-ligi tipprevedi li entita licenzjata jrid ikollha l-kunsens miktub tal-Awtorita` qabel ma tiehu kwalunkwe pass biex taghlaq l-operat taghha. Fil-fatt All Invest la kkonsultat mal-Awtorita` dwar x-xoljiment u l-istralc u wisq anqas ma ottjeniet l-kunsens rikjest mill-ligi. Huwa ghalhekk li l-Awtorita` interveniet fil-procediment tal-lum, ghaliex ir-rikors odjern huwa abbuz kommess mir-rikorrenti.

MFSA taghmel elenku ta` fatti u cirkostanzi li ghalihom ma taghmel l-ebda accenn fis-sottomissjonijiet taghha.

Bhala konsiderazzjonijiet legali, l-Awtorita` tissottometti illi l-kwistjoni fil-kaz tal-lum hija wahda biss u cioe` jekk All Invest setghetx tapplika biex tmur ghal stralc u x`ghandu jipprevali f`dan il-kaz - jekk jigix l-ewwel il-Kap 386 inkella r-regoli li kienet soggetta ghalihom s-socjeta` taht l-ligijiet specjali. Fil-fehma ta` MFSA, dawn tal-ahhar ghandhom jigu l-ewwel.

L-Awtorita` qeghda tissottometti li l-All Invest m`ghandhiex tigi xolta u stralcjata anke jekk mhijiex fil-posizzjoni li thallas id-djun taghha.

Fil-passat All Invest thallset kommissjonijiet konsiderevoli, liema kommissjonijiet ghaddew ghand Wallace Falzon de proprio, u minhabba diversi manuvri, issa ma jistghux jithallsu lura lill-kredituri.

L-Awtorita` tissottometti li f`dan l-kaz ghandu jipprevali l-principju *lex specialis derogat lex generalis.*

Ir-rikors odjern kien biss tentattiv biex ir-rikorrenti tahrab mill-obbligi taghha.

Huwa wkoll obbligu tal-Awtorita` li tipprotegi l-interessi tal-investituri.

Billi r-rikorrenti kisret il-ligi, ma tistax tfitterx il-kenn tal-ligi.

Ir-rikorrenti ghandha l-ewwel tirrimedja ghan-nuqqasijiet taghha u wara tkun tista` tipprocedi bl-istralc.

## III. <u>Dritt</u>

Ir-rikorrenti qeghda titlob ix-xoljiment u l-istralc taghha abbazi ta` zewg disposizzjonijiet tal-Kap 386 li kull wahda hija distinta mill-ohra.

Qeghda tibbaza ruhha fl-ewwel lok fuq l-Art 214(1)(a) tal-Kap 386 li jghid illi *kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata* jekk *tirrizolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li .. ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti.*

Ippruvat dan ir-rekwizit il-qorti trid ixxolji u tistralja l-kumpannija.

Fit-tieni lok qeghda tibbaza ruhha wkoll fuq l-Art 214(2)(a)(ii) u cioe` illi *kumpannija tista` xxolji u tkun stralcjata mill-qorti … jekk il-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha.*

Billi d-disposizzjoni tirreferi ghall-Art 214(5), ir-rikorrenti tistrieh fuq il-paragrafu (b) tal-Art 214(5).

Id-differenza sostanzjali bejn l-ghazliet li ghamlet ir-rikorrenti kienet illi fir-rigward tal-Art 214(1)(a), ippruvati r-rekwiziti, il-qorti trid ixxolji u tistralcja anke jekk dejjem taht il-kontroll taghha. Fil-kaz li ssib li jkunu ppruvati r-rekwiziti tal-Art 214(5)(b), ix-xoljiment u l-istralc jibqa` dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Anke mad-daqqa t`ghajn, l-azzjoni tar-rikorrenti tidher illi hija azzjoni ghax-xoljiment u l-istralc taghha stess.

Pero` kontra din l-impressjoni *prima facie* hemm konsiderazzjoni daqstant rilevanti u importanti illi r-rikorrenti ma kenitx kumpannija kwalunkwe.

Il-qorti tispjega.

Fid-dritt Malti, kumpannija bhal dik in kwistjoni hija regolata bil-Kap 386.

In linea generali, *inter alia,* kumpannija trid twiegeb ghall-agir taghha u tal-ufficjali taghha kif ighid il-Kap 386.

Fl-istess waqt meta kumpannija kostitwita skont il-Kap 386 imbaghad tezercita mansjonijiet specjali u specifici li huma regolati b`legislazzjoni specjali u specifika hemm it-twettieq tal-obbligi taghha jitwessa` bil-bosta u jaqbez dak li huwa previst mil-ligi generali.

Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, ghax jaf illi t-trasparenza, ir-responsabilitajiet fiducjarji, u l-kontabilita` jigu l-ewwel u qabel kollox, il-legislatur haseb ghal legislazzjoni kwazi kwazi *of strict liability* sabiex ihares b`mod legittimu u xieraq min jinvesti fil-konfront ta` l-operaturi tas-settur.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dak kollu li semghet waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza u tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni illi fil-kawza tal-lum ghandu jghodd il-principju tad-dritt illi *lex specialis derogat lex generalis.*

Il-Qorti ssostni l-hsieb taghha kif gej.

Sejra tqis l-ewwel  jekk ir-regolamenti li hargu jew li johorgu bis-sahha tal-Att dwar is-Servizzi ta` Investiment – Kapitolu 370 tal-Ligijiet ta` Malta – ghandhomx jitqiesu bhala *lex specialis.*

Jekk il-Qorti ssib li dawn huwa hekk allura ghandu japplika l-principju *lex specialis derogat lex generalis.*

Jekk il-Qorti ma ssibx illi dawn r-regolamenti ghandhom jitqiesu bhala *lex specialis* allura ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap 386, in partikolari dawk invokati mis-socjeta` rikorrenti fil-kaz tal-lum.

Jinsorgi hawn il-kwesit :
x`jaghmel il-principju *lex specialis derogat lex generalis.*

Fid-decizjoni li tat din il-Qorti fil-21 ta` Novembru 2002 fil-kawza "**<u>Public Broadcasting Services Limited vs Awtorita` tax-Xandir</u>**" inghad hekk :–

*"Illi jekk wieħed jifli l-prinċipju ewlieni tad-Dritt Pubbliku dwar in-natura u l-funzjoni ta` liġi sussidjarja, isib li normalment din (a) għandha titqies li hija ħaġa waħda mal-liġi prinċipali li taħt is-setgħat tagħha hija maħruġa ; (b) li taqa` fil-limiti (jew parametri) ta` l-msemmija liġi prinċipali u ma tistax tmur lil hinn minnha (mingħajr ma taqa` fil-periklu li titqies bħala ultra vires) ; u (ċ) l-kliem u d-dispożizzjonijiet tagħha jitfissru kif imfissra fil-liġi ewlenija. Dawn il-prinċipji huma mħaddna lkoll fil-liġi tagħna wkoll fil-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta` Malta."*

Fil-kaz tal-lum, jidher illi r-rikorrenti qeghda tikkontesta kull regolament jew ordni li harget bis-sahha tal-Kap 370.

Tajjeb jinghad illi skont l-Art 6 tal-Kap 370, MFSA ghandha s-setgha illi taghti licenzji.

In partikolari jigi pprecizat l-Art 6(2)(b) li jghid illi –

*Għat-twettiq aħjar tad-disposizzjonijiet ta` dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista`, minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Regoli ta` Servizzi ta` Investiment li jkunu jorbtu lid-detenturi ta` liċenza u lil oħrajn kif jista` jiġi speċifikat fihom. Dawk ir-Regoli ta` Servizzi ta` Investiment jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet u kondizzjonijiet addizzjonali dwar l-attivitajiet ta` detenturi ta` liċenza, it-tmexxija tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, mal-pubbliku u ma` partijiet oħra, ir-responsabbilitajiet tagħhom lejn l-awtorità kompetenti, ħtiġiet dwar rapporti, riżorsi finanzjarji, il-ħtiġiet ta` adegwatezza ta` kapital u ħtiġiet relatati, u kull ħaġa oħra li l-awtorità kompetenti jidhirlha xierqa.*

L-Art 4A tal-Kap 370 ighid :–

*L-għoti ta` liċenza hu konċessjoni u privileġġ revokabbli, u ebda detentur tagħha m`għandu jitqies li jkun akkwista xi dritt vestit fiha jew taħtha. Il-piż li tinġieb prova tal-kwalifiki tad-detentur ta` liċenza li jkollu liċenza jinkombi f`kull waqt fuq id- detentur ta` liċenza. F`dan is-subartikolu, liċenza tinkludi u tapplika għal kull liċenza u awtorizzazzjoni, tkun kif tkun imsemmija, mahurga mill-Awtoita taht xi ligi li tkun responsabbli li tamministra.*

Dan ifisser illi hekk kif l-Awtorita` ghandha d-dritt li taghti licenzji, hija ghandha d-dritt ukoll li taghti dawk l-ordnijiet u timponi kondizzjonijiet li japplikaw vis-à-vis dawk l-licenzji.

MFSA kienet kostitwita b`ligi tal-pajjiz.

L-Awtorita` ghandha dawn il-funzjonijiet :-

*"(1) Bla hsara ghal xi wahda mis-setghat moghtija lilha bl-artikoli 13 u 14 ta` dan l-Att, l-awtorita` kompetenti tista`, kull meta jidhrilha xieraq, u sew jekk fuq rapport ta` spettur mahtur taht l-artikolu 14 ta` dan l-Att u sew jekk le, taghti, b`avviz bil-miktub, dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa fic-*

*cirkostanzi; u kull persuna jew skema msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 13 ta` dan l- Att li lilha jinghata l-avviz ghandha tobdi, thares jew xort`ohra taghti effett lil kull direttiva bhal dik fiz-zmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva jew f`direttiva ohra wara".*

*(2) Bla hsara ghall-generalita` tad-disposizzjonijiet ta` qabel ta` dan l-artikolu, direttiva taht l-artikolu tista` –*

*(a) tehtieg kull haga li ghandha ssir jew li ma ghandhiex issir, jew timponi kull projbizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jew kull htiega ohra, u taghti setghat, dwar kull transazzjoni jew ghemil iehor, jew dwar kull attiv, jew dwar kull hag`ohra tkun li tkun".*

Jekk issir riferenza ghall-Standard Licence Conditions of the Investment Services Rules for the Investment Services Providers, fost il-kondizzjonijiet li hemm fil-licenzja li nghatat lis-socjeta` rikorrenti hemm –

*"1.07 The Licence Holder shall obtain the written consent of the MFSA before:*

.....

*d. taking any steps to cease its Investment Services business"; u*

*"1.14 If so required by the MFSA, the Licence Holder shall do all in its power to delay the cessation of its Investment Services business, or the winding-up of such business so as to comply with conditions imposed by the MFSA, in order to protect the interests of customers".*

Dawn ir-regolamenti li gew mahruga mill-MFSA ghandhom is-sahha ta` ligi, u ghalhekk huma specjali ghaliex jirregolaw l-procedura li ghandha tigi segwita fl-ambitu tas-servizzi finanzjarji.

Kumpannija li qed tipprovdi servizzi finanzjarji ghandha obbligi u kondizzjonijiet lsabiex topera u li maghhom ghandha tottempera ruhha.

Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken sembjanza ta` dubju li dawn m`humiex obbligi li hija soggetta ghalihom fil-ligi ordinarja kwalsiasi ocjeta` kummercjali.

Fil-kaz tal-lum, hemm disposizzjonijiet tal-ligi ta` natura specifika li jmorru ben oltre l-ligi ordinarja u cioe` l-Kap 386 li jipprovdi dwar kif ir-rikorrenti kellha tipprocedi fis-sitwazzjoni taghha.

Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju illi dawn il-ligijiet – ghax dawn huma ligijiet li jfissru rabta, obbligu, dmir, fis-sens wiesgha tal-kelma – tahseb x`tahseb ir-rikorrenti – ghandhom l-effetti illi jaghmlu deroga mill-aktar cara u kristallina ta` kull konsiderazzjoni ta` xoljiment u stralc ta` kumpannija kif kontemplata fil-ligi ordinarja fil-kamp in kwistjoni u cioe` il-Kap 386.

Tassew ghalhekk illi fil-kaz tal-lum ghandha tghodd il-lex specialis mhux il-lex generalis ghar-ragunijiet esposti.

Dan premess. Il-Qorti tissofferma fuq dak li wassal lil MFSA biex toggezzjona ghall-ghoti ta` decizjoni favur ir-rikorrenti fil-procediment tal-lum.

Tirreferi ghall-osservanza tad-direttiva tal-Awtorita` tas-16 ta` Settembru 2013.

Id-direttiva tal-Awtorita` tahseb ghal numru ta` kondizzjonijiet li trid toqghod ghalihom ir-rikorrenti qabel tiddeciedi li tiehu xi passi – naha jew ohra.

Il-Qorti qieset il-kondizzjonijiet tad-direttiva tal-Awtorita`.

Il-Qorti qieset ukoll il-kronologija ta` kif sehhew l-fatti tal-kaz.

Il-Qorti ssib illi ghalkemm s-socjeta` rikorrenti kienet taf li kellha toqghod u twettaq ghal numru ta` obbligi qabel ma tkun tista` ccedi l-licenzja taghha, xorta wahda baqghet ghaddejja bil-hidma taghha, bla ma tat kaz ghal ordnijiet tal-Awtorita.

Ghaliex dawk kienu ordnijiet li hargu bis-sahha ta` ligijiet specjali, u li kienu jorbtu kumpanniji li jipprovdu s-servizzi ta` investiment finanzjarju bhar-rikorrenti, ma setghux jigu injorati.

Ghalhekk dment illi jkun japplikaw il-ligijiet specjali, u li jissuperaw dawk ordinarji ghall-finijiet u effetti tal-kaz tal-lum, il-Qorti ma tistax taccetta t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti sakemm tirregola ruhha bis-shih mal-ligijiet specjali fuq riferiti.

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti mhijiex sejra tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti - almenu f'dan l-istadju u sakemm ir-rikorrenti ma tkunx qaghdet bis-shih mad-Direttiva li tatha l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta fis-16 ta` Settembru 2013.**

**Ghalhekk il-Qorti qeghda thalli *sine die* dan il-procediment, riappuntabbli skont il-ligi, fil-kaz biss illi fit-terminu stabbilit fil-ligi, isir rikors konguntiv mir-rikorrenti u mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta li jghid illi r-rikorrenti ottemperat ruhha bis-shih mad-Direttiva li tatha l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta fis-16 ta` Settembru 2013.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment sal-lum jibqghu riservati.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**